MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRETA MIFSUD

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 880/2008

**Blye Engineering Co.Ltd.**

**vs**

**Farmers (Wine) Co-Operative Society Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ammont ta' elfejn u disgha u sittin ewro u tlieta u disghin centemzu (€2,069.93) dovut mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici ta' xogholijiet esegwiti u oggetti mibjugha skond l-*istatement of account* u l-fatturi.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li eccepiet illi t-talba attrici hija fattwalment u legalment insostenibbli u ghandha tigi michuda bl-ispejjes, stante li l-ammont mitlub u reklamat mis-socjeta' attrici m'huwiex dovut.
Ra x-xhieda ta' Joseph Mallia, li huwa *Manager* u Agent Segretarju tal-Kooperativa. Huwa xehed illi kien importanti

li bhala Kooperativa jkollhom *chiller,* u peress li kien iltaqa' ma' Ray Mallia, wiehed mid-Diretturi tas-socjeta' attrici, kien qallu li jekk kemm-il darba il-kompressur li kellhom kien jahdem, setghu juzawh u fil-fatt kien ikkonferma li kien jahdem.

Dan kien ghal habta ta' Settembru, 2004 u kien qed jagixxi ghan-nom tas-socjeta' attrici.

Jikkonferma li kien hallas l-ammont ta' elf, hames mija u tlieta u disghin lira Maltin (Lm1,593), u cioe' ekwivalenti ghal tlett elef, seba' mija u ghaxar ewro u sitta u disghin centezmi (€3,710.69). F'Dicembru, kien imbaghad hallas hames mitt lira Maltin (Lm500), u cioe' ekwivalenti ghal elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmi (€1,164.69), izda xorta wahda l-kompressur baqa' ma jahdimx u mill-bidu kien bil-problemi.

F'Dicembru Ray Mallia kien baghat it-*Technician* u kien hallsu kumpens fl-ammont ta' erbgha u tletin lira Maltin (Lm34), ekwivalenti ghal disgha u sebghin ewro u ghoxrin centezmu (€79.20), u kien ukoll ghamel pagament iehor fl-ammont ta' tnejn u sebghin lira Maltin (Lm72), ekwivalenti ghal mija u sebgha u sittin ewro u wiehed u sebghin centezmi (€167.71), u cioe' total ekwivalenti ghal mitejn u sitta u erbghin ewro u wiehed u disghin centezimu (€246.91).

F'Mejju, 2005 kien ghamel pagament iehor ta' hames mitt lira Maltin (Lm500), u cioe' ekwivalenti ghal elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), u dan minkejja li l-kompressur baqa' bil-problemi.

Kien ghalhekk li kien baghat ittra lil Ray Mallia u kien ukoll semma' li t-*Technician* tas-socjeta' attrici, Albino Formosa, kien issuggerixxa illi l-kompressur kien antik u kien ahjar li dan jinbidel u li kien jammonta ghal hames mitt lira Maltin (Lm500), u cioe' ekwivalenti ghal elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmi (€1,164.69).

F’Dicembru kienu rcevew il-kompressur gdid li kien jammonta ghal sitt mija u erbgha u erbghin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm644.15), cioe’ ekwivalenti ghal elf u hames mitt ewro u sebgha u erbghin centezmi (€1,500.47), izda xorta, minkejja li l-kompressur kien gdid, baqa’ ma jahdimx.

F’Jannar, 2006 kien ghamel pagament fl-ammont ta’ mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250), ekwivalenti ghal hames mija u tnejn u tmenin ewro u erbgha u tletin centezmi (€582.34), u f’Otturbu, 2006 kien ghamel pagament iehor ta’ mija u hamsin lira Maltin (Lm150), ekwivalenti ghal tlett mija u disgha u erbghin ewro u wiehed u erbghin centezmi (€349.41), total ekwivalenti ghal disa’ mija u wiehed u tletin ewro u hamsa u sebghin centezmi (€931.75).

Kien imbaghad qal lil Mallia li kienu ser jieqfu u li setghu jiehdu lura l-kompressur, izda minflok rcieva ittra minghand l-avukat legali tas-socjeta’ attrici li talbet elfejn u disgha u sittin ewro (€2,069), ekwivalenti ghal tmien mija u tmienja u tmenin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmi (Lm888.22) ghal zewg (2) kompressuri.

Ix-xhud jikkonferma li llum l-Kooperativa m’ghadhiex tipproccessa l-inbid, u ilha li waqfet minn Awissu, 2008 u ghalhekk ma kellhiex aktar bzonn il-makkinarju li kien gie installat.

Fis-sena 2004/2005 kien diga’ waqaf jahdem il-kompressur u ma baqghux jahdmu bih, izda xorta baqa’ jhallas.

Ighid li qatt ma kien inkariga Avukat ghaliex kien hbieb ma’ Mallia u kellu fiducja fih.

Ra x-xhieda ta’ Albino Formosa li kien jahdem mas-socjeta’ attrici, u jispjega kif bejn il-partijiet kien sar ftehim sabiex is-socjeta’ attrici tipprovdilhom *chiller* bl-uzu tal-kompressur antik li kellha l-Kooperativa.

Hadem ghal ftit bil-kompressur antik, imbaghad waqaf jahdem u kien ghamel *inspection* u rrizulta li l-kompressur kien *ceased*. Konsegwentement, il-Kooperativa kienet ordnat kompressur gdid u kien hu li mar jinstallah u ma jiftakarx li kien rega' mar ghand il-Kooperativa. Meta installah kien naddaf il-kompressur, ivvakumjah u mbaghad kien ikkomissjonah sabiex jaccerta ruhu li kien jahdem.

Fit-tnax-il (12) sena li dam jahdem mas-socjeta' attrici qatt ma jaf li kien hemm xi problemi b'xi kompressuri.

Kien telaq minn mas-socjeta' konvenuta f'Ottubru, 2008.

Ra x-xhieda ta' Ray Mallia, li jispjega li kienu nstallaw *chiller* fil-proprjeta' tal-Kooperativa u kienu uzaw il-kumpressur antik, li kien proprjeta' ta' l-istess Kooperativa sabiex ihaddmu dan ic-*chiller*.

Dan il-kompressur dam jahdem ghal ftit zmien, izda mbaghad kellhom ibiddluh b'wiehed gdid u hargu *invoice* gdida li kienet tammonta ghal sitt mija u erbgha u erbghin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm644.15), ekwivalenti ghal elf u hames mitt ewro u sebgha u erbghin centezmi (€1,500.47).

Kien hawn li kien kellmu Joseph Mallia ghan-nom tal-Kooperativa u kien talbu biex inaqqas xi haga mill-kont, izda x-xhud kien assikurah li l-kont kien biss ghall-materjal u ma kienx jinkludi xi pajpijiet li kienu uzaw u li kienu tal-Kooperativa.

Ighid ukoll li qatt ma sema' b'xi problemi li seta' kellu dan il-kompressur.

Li kien hemm, kien *service call* fil-11 ta' Lulju, 2006 fejn sar dan is-servizz fuq rapport ta' Joseph Mallia, li kien qed iqattar l-ilma mic-*chiller*.

Dan kien jindika li l-kompressur kien qed jahdem, ghaliex kieku ma kienx iqattar l-ilma.

Proprjament, l-ilment ta’ Joseph Mallia kien li peress li l-Kooperativa kienet ser tieqaf tiffunzjona kien talbu biex jiehu lura l-kompressur, mhux ghax ma kienx jahdem, izda peress li kien ghadu gdid u ma kellux uzu tieghu.

Jinsisti li l-ewwel kompressur, kien dam ftit jiffunzjona, u jikkonferma li l-kompressur gdid ma kellux problemi u dan ghaliex kien ghadu taht garanzija, u jekk kien hemm xi lmenti kien jirriferihom lis-*Supplier* u ma kien jirrizultala xejn minn dan.

Sar konfront bejn Ray Mallia u Joseph Mallia, u minkejja li Ray Mallia jinsisti li meta gie installat il-kompressur il-gdid ic-*chiller* kien jahdem, Joseph Mallia jinsisti li mill-ewwel ic-*chiller* kellu l-problemi, u kull meta kien jigi t-*Technician* ma kien jaghmel xejn, u kien hemm darba fejn kien biddel *valve* u *switch*. Kien hallas *circa* sittin lira Maltin (Lm60), ekwivalenti ghal mija u disgha u tletin ewro u sitta u sebghin centezmi (€139.76), izda xorta c-*chiller* baqa’ ma jahdimx.

Ma jeskludix il-fatt li t-*Technician* kien qal li l-*chiller* kien qed jahdem ghaliex ikun xeghel, pero’ ma kienx qed jaqdi l-funzjoni tieghu, fis-sens li jkessah il-materjal li jkun fih.

Joseph Mallia jkompli jispjega kif l-Kooperativa kienet hallset lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500), ekwivalenti ghal tlett elef, erba’ mija u erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494.06), u dan ghal manifattura ta’ *chiller* bil-kompressur antik, izda mbaghad jikkonferma li kien ippropona lis-socjeta’ attrici li jiehdu lura l-kompressur gdid u dan minhabba li ma kellhomx bzonnu izjed u setghu jsibu l-bejgh tieghu ghaliex kien ghadu gdid. Ghal kompressur il-gdid kien hemm prezz ta’ sitt mitt lira Maltin (Lm600), ekwivalenti ghal elf, tliet mija u sebgha u disghin ewro u tnejn u sittin centezmi (€1,397.62), u jekk kienu jsibu l-bejgh tieghu, setghu jevitaw dawn l-ispejjes. Ikkonferma li fl-opinjoni tieghu, l-kompressur il-gdid ma kellu xejn.

Ray Mallia ma qabilx.

Joseph Mallia jinsisti li mill-*chiller* ma kienx qed iqattar ilma, izda s-sistema kienet ikkrollat, tant hu hekk li t-*Technician*, kien qed jipprova jevitah u fil-*job sheet* kien hemm indikat li t-Technician kien biddel xi *switch* ghaliex dan kien difettuz.

Ray Mallia jinsisti li r-raguni ghaliex il-Kooperativa ma rieditx thallas kien ghaliex kienet waqfet taghmel il-fermentazzjoni ta' l-inbejjed u ma kellhomx aktar bzonn dan il-kompressur u kienet haga ragunata li biex ma jhallsux riedu jroddu lura dan il-kompressur.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

<u>Ikkunsidra</u>

Is-socjeta' konvenuta ecceppiet illi l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici, u in vista tal-istess eccezzjoni, is-socjeta' konvenuta kellha tikkonvinci lil dan it-Tribunal fuq bazi ta' bilanc ta' probabilitaijiet, li s-socjeta' attrici kienet installat kompressur difettuz li wassal sabiex ic-*chiller* li kellha s-socjeta' attrici ma baqghax jiffunzjona.
Huwa car, li l-Kooperativa, li kienet tipproduci l-inbid, ordnat lis-socjeta' attrici li timmanifatturalha *chiller*, bl-uzu tal-kompressur antik, li kien proprjeta' tas-socjeta' attrici.

Huwa fatt mhux ikkontestat li dan il-kompressur antik ghamel zmien jahdem, izda imbaghad waqaf u kien fuq parir tat-*Technician* tas-socjeta' attrici li ddecidew li jinstallaw kompressur gdid ghal prezz ta' hames mitt lira Maltin (Lm500), ekwivalenti ghal elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69).

Joseph Mallia ghan-nom tal-Kooperativa jinsisti li l-kompressur il-gdid qatt ma hadem sew u fil-fatt esebixxa Dokument B, fejn hemm *job sheet* li jiccertifika li kien sar rapport da parti ta' Mallia minhabba li kien qed iqattar ilma mic-*chiller* u per konsegwenza kien sar tibdil f'xi *flair switch* u *release valve*.

Albino Formosa, li kien it-*Technician*, f'dak iz-zmien, jikkonferma li kien biddel il-kompressur antik, b'wiehed gdid u ma ftakarx li qatt kien hemm xi problemi b'dak gdid.

Huwa minnu, li ftit xhur wara li gie installat kompressur gdid, kienu saru xi tibdiliet, izda Ray Mallia ghas-socjeta' attrici jinsisti li l-fatt li kien hemm ilma li kien qieghed iqattar mic-*chiller*, kien ifisser li l-kompressur kien effettiv u kien qieghed jahdem.

Ma giex ppruvat x'seta kien l-kagun u l-effett ta' dawn il-hsarat, jew jekk verament kienu hsarat u relatati mal-qtar tal-ilma.
Apparti minn hekk, kif ben tajjeb accennat is-socjeta' attrici, fl-ebda stadju tal-provi, il-Kooperativa talbet li jinhatar xi Perit Tekniku sabiex jiddetermina jew jirrelata x'problemi seta' kien hemm fil-kompressur.

It-Tribunal, ukoll huwa aktar konvint li l-verzjoni tas-socjeta' attrici hija dik verosimili u dana ghaliex Joseph Mallia, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta, jaghti verzjonijiet kontrastanti. Meta sar konfront bejnu u bejn Ray Mallia in rapprezentanza tas-socjeta' attrici, jinsisti li l-kompessur gdid qatt ma hadem u kull darba li t-*Technician* kien jigi, kien ibiddel xi *valve* jew *switch*, izda minkejja li kien ihallas l-ispejjes, xorta dan ic-*chiller* ma hadimx. Ma jeskudix ukoll il-fatt li seta' kien hemm problema li meta Formosa, t-*Technician*, kien jivverifika jekk ic-*chiller* kienx jixghel, dan kien jigri, izda l-istess *chiller* ma kienx qed iservi il-funzjoni tieghu, u cioe' dak li jkessah.

Mill-banda l-ohra jikkonferma li l-kompressur ma kellux xejn. Jew kellu problemi jew ma kellux.

Dawn l-inkonsistenzi jwasslu lil dan it-Tribunal, biex ikun anqas konvint mill-verzjoni tas-socjeta' konvenuta, u *invece* jemmen lis-socjeta' attrici li l-probabilita' kienet li peress li l-Kooperativa kienet iddecidiet li ma tkomplix tipproduci l-inbid, ma kellhiex aktar bzonn dan ic-*chiller*, u aktar min hekk l-kompressur gdid u biex tnaqqas l-ispejjes

taghha kienet ipproponiet lis-socjeta' attrici li tiehu lura l-kompressur u ssib il-bejgh lit-terzi.

Il-bejgh bejn il-partijiet sar u gie konkluz mat-trasferiment tal-kompressur. Kien hemm element ta' fiducja bejn il-partijiet ghaliex lanqas kien hemm xi insistenzi jew xi modalitajiet ta' pagamenti ghal bilanc li kien hemm bejniethom.

Is-socjeta' konvenuta lanqas kienet qed tinsisti li kien hemm xi difetti fil-kompressur biex tipprova xxolji l-bejgh jew sahanisitra titlob tnaqqis fil-prezz, anzi, l-proposta kienet, li jergghu jirritornaw l-kompressur lis-socjeta' attrici minghajr ma jhallsu l-prezz tieghu, b'dana pero' li s-socjeta' attrici ssib il-bejgh lill-terzi, haga li kkonferma Jospeh Mallia ghall-Kooperativa, u haga li ma kienx jipproponi li jaghmel li kieku kien hemm xi hsarat ghaliex dan kien ikun ingann da parti tieghu, u r-relazzjonijiet bejn il-partijiet ma kienux tali, li skont dan it-Tribunal setghu jwasslu ghal tali cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jilqa' t-talbiet attrici. Bl-ispejjes u l-imghax kummercjali skond l-Artikoli 26A u 26C tal-Kodici tal-Kummerc.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------